# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

### Illum il-Ġimgħa, 11 t'Ottubru 2019

**Kawża Nru: 15**

**Rik Ġur Nru: 1347 /07 JA**

**Philip Attard**

**-vs-**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fit-28 ta' Diċembru 2007 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrent Philip Attard matul is-snin kellu diversi kontijiet bankarji mal-kumpanija intimata fosthom il-kont numru 027020528050 li kien *'savings' account*;

Illi f'Diċembru 2006 ir-rikorrent Philip Attard irriżultalu illi mill-kont 027020528050 kien sar *'withdrawal'* permezz ta' tranżazzjoni waħda, fis-somma ta' LM8,970 (tmint elef, disa' mija u sebgħin lira Maltin),

ċjoe' somma sostanzjali għal tranżazzjoni waħda;

Illi dina t-tranżazzjoni kienet tali li ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent Philip Attard u peress illi huwa ma kien għamel ebda *'withdrawal'* ta' dana l-ammont sostanzjali huwa talab spjegazzjoni lill-bank intimat ġewwa l-*'branch'* ta' Sta. Venera;

Illi wara laqgħat u korrispondenza bejn ir-rikorrent Philip Azzopardi, r-rappreżentanti tiegħu u l-bank intimat irriżulta illi b'konsegwenza ta' nuqqas da parti tal-HSBC Bank Malta p.l.c. il-fondi fil-kont numru 027020528050 kienu qed jiġġu *'withdrawn'* sabiex jagħmlu tajjeb (ossija *replenish*) għal kont bankarju ta' terza persuna;

Illi dawn il-*'withdrawals'* kienu qed isiru mill-bank intimat mingħajr awtorizzazzjoni da parti tar-rikorrent Philip Attard;

Illi l-HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ittra tagħhom tat-8 ta' Mejju 2007 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'A'), jammettu illi dawn it-tranżazzjonijiet kienu saru b'konsegwenza ta' żball da parti tagħhom meta fl-imsemmija ittra jgħidu hekk:

*"It results that through a regretted input error your BSI was triggered to replanish a third party account way back in March 2001."*

Illi mid-dokumentazzjoni provduta mill-bank intimat irriżulta illi bejn id-29 ta' Mejju 2001 u s-16 ta' Diċembru 2006 saru 349 (tlett mija u disgħa u erbgħin) *'withdrawal'* mhux awtorizzati mill-kont numru 027020528050 li kienu jammontaw għas-somma ta' LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf , seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu);

Illi permezz ta' żewġ pagamenti magħmula wieħed mit-22 ta' Diċembru 2006 u l-ieħor fis-17 ta' Jannar 2007 l-bank intimat ħallas lir-rikorrent Philip Attard is-somma komplessiva ta' LM43,634.52 (tlieta u erbgħin elf, sitt mija u erbgħa u tletin lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu)

rappreżentanti s-somma ta' LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf , seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu) il-valur ta' 349 (tlett mija u disgħa u erbgħin) *'withdrawal'* mhux awtorizzati, u s-somma ta' LM933.90 (disa' mija u tlieta u tletin lira Maltin u disgħin ċenteżmu) imgħax, *'at savings interest rate'*, u dana kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. 'A' u Dok. 'B';

Illi l-imgħax ta' LM933.90 imħallas mill-bank intimat jirrappreżenta skont l-istess bank, l-imgħax li Philip Attard *"may have earned had the debiting not been effected"* (*vide* ittra datata 8 ta' Mejju 2007 annessa u mmarkata Dok. 'A') u ċjoe' *'at savings interest rate'*;

Illi b'konsegwenza tal-aġir tal-bank intimat ir-rikorrenti Philip Attard ġie mtellef mill-użu tal-flus tiegħu, li ċertament jammontaw għal mhux anqas min LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu);

Illi sabiex jagħmel l-istħarriġ neċessarju kif mistħoqq u sabiex jiġi debitament assistit r-rikorrent Philip Attard kellu jinkariga lil terzi persuni u ta' liema inkarigu l-istess terżi persuni tħallsu għas-servizz tagħhom;

Illi *inoltre* b'konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li r-rikorrent Philip Attard ġie mtellef mill-użu ta' l-flus tiegħu, li ċertament jammontaw għal mhux anqas minn LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu). Huwa sofra ħsara oħra, kompriż telf ta' qligħ;

Illi għalkemm il-bank intimat ġie interpellat sabiex jersaq għall-ħlas tad-danni sofferenti mir-rikorrent Philip Attard, baqgħu inadempjenti;

Illi r-rikorrent Philip Attard ġie nfurmat illi jekk jixtieq dokumentazzjoni oħra, *oltre* dawk ġia provduti mill-bank intimat, huwa seta' jagħmel talba u jħallas *'the standard charge'* sabiex dawn jiġu

provduti lili (*vide* ittra datata 8 ta' Mejju 2007 annessa u mmarkata Dok. 'A');

Illi r-rikorrent Philip Attard ma għandu ebda tort fil-kwistjoni in eżami u b'konsegwenza wisq anqas għandu jkun obbligat iħallas għal dokumentazzjoni li hija neċessarja sabiex jivverfika żball da parti tal-HSBC Bank Malta p.l.c.

Illi r-rikorrenti Philip Attard tqiegħed f'pożizzjoni illi huwa ma jistax jagħmel verifiki ulterjuri dwar il-kont bankarju tiegħu biex jassigura illi ma sarux tranżazzjonijiet mhux awtorizzati jemm ma jħallas *'the standard charge'*;

Illi l-bank intimat għalkemm interpellat sabiex jipprovdi dina d-dokumentazzjoni ulterjuri mingħajr ħlas baqa' inadempjenti;

Għalhekk tgħid il-kumpanija intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, jekk il-valur ta' *'withdrawals'* mhux awtorizzati li saru mill-kont bankarju 027020528050, mid-data tal-ftuħ tiegħu, jeċċedix l-ammont ta' LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu);

2. F'każ li l-valur ta' *'withdrawals'* mhux awtorizzati li saru mill-kont bankarju 027020528050 jeċċedi l-ammont ta' LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu), tordna lill-bank intimat iħallas lir-rikorrent Philip Attard dak l-ammont li jirriżulta li jeċċedi s-somma ta' LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu);

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-HSBC Bank Malta p.l.c. hija

unikament responsabbli għall-fatt li Philip Attard ġie mtellef mill-użu tal-flus tiegħu, li ċertament jammontaw għal mhux anqas min LM42,700.62 (tnejn u erbgħin elf, seba' mitt lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu), u dana b'konsegwenza ta' diversi *'withdrawals'* mhux awtorizzati li saru mill-kont bankarju numru 027020528050;

4. Tillikwida d-danni sofferenti mir-rikorrenti Philip Attard, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominadi;

5. Tikkundanna lill-HSBC Bank Malta p.l.c tħallas lir-rikorrent d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imgħax kontra l-kumpanija ntimata li hija issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank konvenut HSBC Bank Malta p.l.c. ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 2008 fejn ġie eċċepit:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-ammont ta' LM42,700.62 (ekwivalenti għal €99,465.69) jirrappreżenta l-ammont intier illi kien ġie żbankat mill-kont bankarju *savings* numru 027-020528-050 mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-attur liema ammont ġie rifuż lill-attur fis-17 ta' Jannar 2007 (Dok. 'B' mar-rikors ġuramentat) *oltre* s-somma ta' LM933.90 (ekwivalenti għal €2,175.40) rappreżentanti l-imgħax bir-rata applikabbli għall-kontijiet bankarji *'savings'*.

2. Illi dak li ġara kien riżultat illi appena l-bank sar konxju tiegħu ħa l-azzjoni rimedjali neċessarji biex jiġi riversat.

3. Illi mhux minnu li l-attur ġie mtellef mill-użu tal-flus tiegħu kif qed jallega l-attur, mis-sena 2001 sa Diċembru 2006, baqa' juża l-

kont tiegħu savings numru 027-020528-050 mingħajr l-ebda diffikulta tant li lanqas biss induna li kien sar tali żball. F'Diċembru 2006 induna għall-ewwel darba li kienu saru żbanki mill-kont tiegħu msemmi mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu. Huwa nforma lill-bank sew li kienu saru tali żbanki kif ukoll li kellu bżonn urġenti l-ammont ta' Lm13,000 (ekwivalenti għal €30,281.85) flus f'idejh għan-negozju tiegħu. Immedjatament, pendenti l-investigazzjoni li l-Bank ried, il-Bank konvenut għadda lill-attur is-somma ta' Lm13,000 (ekwivalenti għal €30,281.85) fit-22 ta' Diċembru 2006 (Dok. 'HSBC 1') sabiex l-attur jibqa' għaddej fin-negozju tiegħu mingħajr xkiel finanzjarju.

4. Illi l-Bank ipprovda kopji tar-rendikonti kollha tal-kontijiet tal-attur Philip Attard lill-accountant tiegħu Charles Portelli għal darba darbtejn.

5. Illi permezz tal-irċevuta datata 17 ta' Jannar l-attur kien qed jiddikjara li rċieva dak kollu li ġie żbankat mill-kont tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu bejn id-29 ta' Mejju 2001 u s-16 ta' Diċembru 2006. Iddikjara wkoll fl-istess ittra li kien qed jirċievi is-somma ta' Lm933.90 (ekwivalenti għal €2,175.40) in sodisfazzjoni tal-imgħax li tilef fuq l-istess ammont kapitali naturalment bir-rata ta' *savings account*. Għalhekk ukoll it-talba tal-attur għad-danni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għaliex l-attur ma sofra l-ebda danni.

6. Illi kaġun tal-iżball fuq imsemmi il-fondi *de quo* kienu erronjament qed jiġu żbankati mill-kont bankarju tal-attur u depożitati fil-kont bankarju ta' terzi li permezz ta' ftehim datat 5 ta' Frar 2007 irrifondew dak kollu riċevut fil-kont tagħhom indebitament. Għalhekk il-Bank konvenut qed jirriserva illi fi stadju ulterjuri jitlob il-kjamata in kawża tagħhom f'każ li jkun meħtieġ, liema talba m'hiex issir f'dan l-istadju a skans ta' spejjeż żejda.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa u l-lista tax-xhieda tal-istess bank.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in nota ta' sottomissjonijiet tal-bank konvenut wara li l-attur naqas li jippreżenta nota simili *nonostante* diversi opportunitajiet li ingħata;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur l-attur qed jitlob li jitħallas danni mill-bank konvenut in vista tal-fatti elenkati minnu fl-istess rikors. Il-bank irrifondih il-fondi li ġew imnaqqsa lilu u ħallsu wkoll l-imgħaxijiet relattivi iżda l-attur qed jitlob id-danni li qed jallega li sofra minħabba li ma setax juża l-flus imsemmija u qed jallega li kien jista' jinvestihom fin-negozju tiegħu.

L-allegazzjonijiet tal-attur huma spjegati tajjeb fl-affidavit tiegħu a fol 27 tal-proċess, fejn qal;

*"Illi matul is-snin jiena kelli diversi kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta p.l.c., fosthom l-kont li kien 'savings account';*

*Illi f'Diċembru 2006, ġurnata tas-Sibt, jien kont mort niġbed il-flus mill-ATM tal-HSBC ġewwa Santa Venera, u meta ġbidt il-flus l-ATM Machine tagħtni 'slip', kif dejjem isir, li fuqu kien hemm indikati il-bilanċ li kelli fil-kont;*

*Illi fl-opinjoni tiegħi dana l-bilanċ indikat kien ħafna anqas min dak li suppost kelli fil-kont.*

*Illi dak i-ħin ħierġa l-bank manager ta' fergħa tal-HSBC Santa Venera u jiena ġbitilha l-attenzjoni li l-bilanċ li kienet indikat l-ATM Machine kien anqas min dak li suppost kelli fil-kont.*

*Illi hija nfurmatni illi huma kien qed jagħlqu u għalhekk hija qaltli sabiex immur it-Tnejn ta' wara sabiex nagħmel il-verifiki tiegħi;*

*Iżda jiena ma stennejtx sat-Tnejn ta' wara u fil-fatt is-Sibt stess kont ċempilt fuq in-numru ġenerali tal-HSBC u kont infurmajthom illi fil-kont tiegħi kien hemm ammont sostanzjali ta' flus nieqsa;*

*Illi r-rappreżentant tal-HSBC li kien kellimni kien infurmani li kienu ser jagħmlu l-verifiki u jerġgħu jċempluli;*

*Illi fil-fatt xi ħin wara dakinhar stess kienu ċempluli mill-HSBC u staqsewni jekk jiena kontx ħriġt xi ċekk favur ċertu A. Azzopardi u jiena għidtilhom li le;*

*Illi meta jiena smajt b'dan bdejt ninkwieta u fil-fatt tkellimt dwar dan mal-partner tiegħi Adriana Brincat;*

*Illi jum it-Tnejn jiena kont mort għand ċertu Charles Portelli sabiex ikun jista' jassistini fil-verifiki li kelli nagħmel dwar dan;*

*Illi dana Charles Portelli kien iffissa appuntament mal-fergħa tal-HSBC ta' Santa Venera u hemm hekk iltqajna mal-bank manager;*

*Illi dana Charles Portelli, f'ismi kien talab lil bank manager statement tat-tranżazzjonijiet li kienu sar fuq il-kont tiegħi u dana mid-data li kien infetaħ dana l-kont;*

*Illi l-bank manager kienet provdiet biss dawk l-istatements li kienu għad-dispożizzjoni tagħha li kienu statements riċenti u ma jmorrux lura sad-data ta' meta nfetaħ il-kont;*

*Illi f'dina l-istess laqgħa l-bank manager kienet infurmat lili u lil Charles Portelli li fil-fatt irriżulta li kienu ttieħdu mill-kont tiegħi s-*

*somma ta' LM8,970 u Charles Portelli, f'ismi kien talab lill-bank manager sabiex b'mod immedjat jirrifondu lili s-somma ta' LM8,970;*

*Illi l-bank manager infurmatni illi dan ma setax isir qabel ma huma jagħmlu l-investigazzjonijiet interni tagħhom;*

*Illi wara dina l-laqgħa Charles Portelli kien għamel diversi verifiki fuq l-istatements provduti sa dakinhar u rriżulta li fil-fatt kienu ttieħdu mill-kont tiegħi s-somma ta' ċirka LM13,000;*

*Illi Charles Portelli kien irrakomandali illi jiena immur inkellem avukat u fil-fatt kien qabbadni mal-Avukat Ivan Sammut u jiena mort inkellmu;*

*Illi dana l-avukat kien kiteb ittra lill-HSBC datata 19 ta' Diċembru 2006 li permezz tagħha huwa kien talab li jiġu ritornati lili l-flus li kienu ittieħdu mill-kont.*

*Illi l-għada li jienamort għand l-avukat, Charles Portelli infurmani illi l-Avukat Ivan Sammut kien kellmu u li nfurmah li l-HSBC kien lest li jagħti 'loan' lili ekwivalenti għas-somma ta' LM13,000 li sa dakinhar kien jirriżulta li ttieħdu mill-kont tiegħi u dana sakemm l-HSBC jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu;*

*Illi jiena dina l-offerta ma aċċettajthiex għal raġunijiet ovvji;*

*Illi wara dan Charles Portelli baqa' jinsisti li huwa jingħata kopja tal-istatements kollha mid-data li kien infetaħ il-kont u kif ukoll li jiena ningħata s-somma ta' LM13,000 li kien diġa' rriżulta li ttieħdu;*

*Illi fil-fatt fit-22 ta' Diċembru 2006 jiena kont ingħatajt is-somma ta' LM13,000;*

*Illi sussegwentement saret laqgħa bejni, Charles Potelli u rappreżentanti tal-HSBC ġewwa Ħal Qormi, f'liema laqgħa Charles Portelli, f'ismi baqa' jinsisti li ningħataw kopja tal-istatements kollha mid-data li kien infetaħ il-kont.*

*Illi wieħed mir-rappreżentanti tal-HSBC kien infurmani u lil Charles Portelli illi huwa seta' bis jagħtini statements mill-1996 'il quddiem, iżda min dik id-data lura ma setax jagħtihomli;*

*Illi fil-fatt l-istatements tal-kont, mill-1996 'il quddiem ġew mgħoddija lili dakinhar stess;*

*Illi wara dina l-laqgħa Charles Portelli għamel verifiki fuq l-istatements provduti f'dina l-laqgħa u rriżulta li fil-fatt kienu ttieħdu mill-kont tiegħi somma ulterjuri ta' LM29,700.62 u dana apparti s-somma ta' LM13,000 li kienu rriżultaw fil-verifiki li saru qabel;*

*Illi għalhekk irriżulta li mill-1996 'il quddiem ġew meħuda lili s-somma globali ta' LM42,700.62.*

*Illi jiena infurmat minn Charles Portelli illi wara li rriżultaw dawn l-ammonti huwa kien kellem ċertu Tony Vella Gregory tal-HSBC u li dana s-Sur Vella Gregory kien qabel mall-ammont ulterjuri ta' LM29,700.62;*

*Illi Charles Portelli nfurmani illi jiena u hu kellna mmorru fil-fergħa tal-HSBC ta' Santa Venera sabiex jirrifondu s-somma ulterjuri ta' LM29,700.62 u fil-fatt jiena u Charles Portelli konna morna f'dina l-fergħa u ltqajna mall-bank manager u rappreżentant ieħor tal-HSBC.*

*Illi dakinhar jiena ġejt ippreżentat b'dokument (kopja hawn annessa u markata Dok. 'PA 1') li kelli niffirma qabel ma nieħu r-rifużjoni, iżda fuq parir ta' Charles Portelli jiena dana d-dokument ma ffirmajtux għaliex l-HSBC ried li jiena niddikjara li s-somma li kont qed nirċievi kienet 'in full and final settlement';*

*Illi dak il-ħin stess inkiteb dokument ieħor (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. 'PA 2') li permezz tiegħu jiena ddikjarajt li rċevejt is-somma globali ta LM43,634.52 rappreżentanti s-somma ta' LM42,700.62 il-valur ta' 349 'withdrawal' mhux awtorizzati u s-somma*

*ta' LM933.90 imgħax, 'at savings interest rate', u li dana jinkorpora l-pagament preċedenti ta' LM13,000;*

*Illi għandi ngħid li dawn l-ammonti ġew miġbuda mill-kont tiegħi fuq perjodu ta' għaxar (10) snin f'ammonti żgħar u xi drabi negliġibbli u ġew identifikati biss wara eżerċizzju profond magħmul minn Charles Portelli fuq inkarigu tiegħi;*

*Illi għandi ngħid illi sallum għadni ma ġejtx provdut bl-istatements ta' qabel l-1996 u għalhekk m'inix f'pożizzjoni li nivverifika jekk qabel 1996 kienux ittieħdu somom oħra;*

*Illi l-HSBC ammettiet illi dawn it-tranżazzjoniijet kienu saru b'konsegwenza ta' żball da parti tagħhom u dana anke permezz ta' ittra;*

*Illi l-imgħax ta' Lm 933.90 imħallas mill-HSBC jirrappreżenta, skond l-istess bank, l-imgħax li jien kont stajt naqla li kieku ma inġibdux dawn il-flus;*

*Illi iżda b'konsegwenza tal-aġir tal-bank jien ġejt imtellef mil-użu tal-flus tiegħi, li ċertament jammontaw għal mhux anqas minn LM42,700.62.*

*Illi sabiex jiena għamilt l-istħarriġ neċċessarju kif mistħoqq u sabiex inkun assistit jiena kelli ninkariga lil Charles Portelli u ta' liema inkarigi jiena ħallast s-somma ta' LM10,000 / €23,293 inkluż il-VAT (kopja tar-riċevuta hawn annessa u markata Dok. 'PS 3').*

*Illi inoltre b'konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt ġejt imtellef mill-użu tal-flus tiegħi, li ċertament jammontaw għal mhux anqas minn LM42,700.62 jiena sofrejt ħsara oħra, kompriż telf ta' qligħ;*

*Illi dwar dina l-ħsara nirriserva li nixhed fi stadju ieħor u dana wara li jiġi konjuż l-eżerċizju mill-konsulent finanzjarju tiegħi."*

Illi huwa evidenti li l-Bank kellu jirrifondi lill-attur is-somma ġia msemmija bl-imgħaxijiet relattivi. Dan sar u ġiet anke esebita r-riċevuta relattiva. Skont l-artikolu 1047 tal-Kap. 16:

(1) *ll-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lill-persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

(2) *Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsara tkun għamlet dan dolożament, il-Qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet, kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jiġi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha.*

(3) *Is-somma li għandha tingħata għal dak it-telf ta' qligħ fuq imsemmi tiġi likwidata mill-qorti skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

Għalhekk il-bank konvenut issodisfa s-sub-inċiż (1) ta' dan l-artikolu bil-ħlas fuq imsemmi. Allura biex l-attur ikollu dritt jitħallas fuq it-telf ta' qliegħ li qed jitlob huwa kellu jipprova li l-akkadut seħħ dolożament da parti tal-Bank. (**"Zammit vs Xuereb"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001). Din il-kawża kienet tittratta żball li ġara waqt *quiz* u l-Qorti qalet li *"dan l-iżball tekniku anke jekk seta' kien evitabbli, ma setax ma jitqiesx bħala element alejatarju ta' programm ta' din ix-xorta. Una volta li jkun seħħ bla mala fede, bla ħsieb ta' qerq jew ingann u mhux b'leġġerezza, ma seta' qatt iwassal għall-konsegwenzi li qed jippretendi l-attur nomine."* Din il-Qorti (għalkemm naturalment iċ-ċirkostanzi tal-każ ma huma xejn simili) jidhrilha li anke hawn ma kien hemm ebda dolożita' da parti tal-konvenut iżda leġġerezza da parti ta' wieħed mill-uffiċjali tiegħu.

Illi kif huwa magħruf, il-mala fede trid tiġi ppruvata u qatt ma hija presunta (artikolu 532 tal-Kap. 16). *Oltre* dan li kif jgħid tal-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura (Kap 12) min jallega jrid jipprova – *"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat"* u dan ukoll kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per eżempju **"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"** deċiża mill-Prim Awla fil- 31 ta' Mejju 1972, kif ukoll **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella"** deċiża fl- Appell Inferjuri, fit-2 ta' Mejju 1995).

Illi stabbilit dan ma hux il-każ li l-Qorti tinvestiga jekk it-talba għad-danni hijiex ġustifikata.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonjiet relattivi tal-bank konvenut u tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**